# Nistrieħu f'Alla

Ta' kull sena il-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl jirtiraw għal ftit ġranet mill-ħajja u x-xogħol normali tagħhom biex jgħaddu aktar ħin m'Alla f'talb u riflessjoni. Wieħed minn dawn l-irtiri ta' din is-sena, li sar lejn l-aħħar t'Awissu f'Dar Stella Maris, Iż-Żebbug Għawdex, kien ibbażat fuq il-kitbiet tal-Fundatur tagħna Monsinjur Ġużeppi De Piro. Għal dan l-irtir ġew mistiedna wkoll, għall-ewwel darba, diversi lajċi mpenjati magħna u li magħna jiġu spirati f'ħajjithom mill-ispiritwalità u l-kariżma ta' De Piro. Kienet esperjenza sabiħa għal kulħadd fejn membri u lajċi MSSP, flimkien, immeditaw, talbu u qasmu ħsibijiet u esperjenzi ispirati mill-istess spirtu li mexxa lill-Fundatur.



Irtir Lajċi Għawdex

# Ġurnata ma' Misssjunarju



U int flimkien mal-offerta tiegħek toffri għalih ukoll:
il-quddiesa, it-tqarbina, ir-rawżarju, ix-xogħol kollu ta' matul il-ġurnata

**Ix-xahar ta' Ottubru mill-ewwel ifakkarna fil-Ġurnata missjunarja. Aħna l-Maltin minn dejjem konna ġeneruzi għall-missjoni. Nixtieq nissuġerilkom metodu ieħor kif tista' tgħin il-missjunarji.**

**Tgħix ġurnata ma' missjunarju?**

Dan tista' tagħmlu billi, tagħżel ,ġurnata għażiża għalik, darba biss fis-sena, tibbukjha minn qabel, u toffri £m10 biex dak in-nhar tipprovdi l-għixien ta' missjunarju u tgħinu jlaħħaq max-xogħol pastorali u socjali tiegħu.

**Il-Missunarju joffri għalik:**

- Quddiesa skond l-intenzjoni tiegħek
- It-talb ta' l-Uffiċju Divin ta' dik il-ġurnata
- L-apostolat ta' matul il-ġurnata.

## Ic-CAMYouths f'Napli - *Piccole Cose con Grande Amore*



Għall-ħames sena konsekuttiva c-CAMYouths ta' ċ-ċans lil żgħażagħ għal esperjenza oħra ġewwa Napli f'ħidma ma' tfal flimkien mas-Sorijiet Missjunarji tal-Karità (jew aħjar, ta' Mother Theresa). Wara xhur ta' preparazzjoni ma' 'l fuq minn 30 żagħżugħ, dawn iż-żgħażagħ qattgħu ħames ġimgħat f'żona diffiċli ta' Napli jaħdmu ma' tfal li fil-ħajja tagħhom jgħaddu minn diffikultajiet kbar.

Dak ikun żmien fejn nagħtuhom ċans jirrealizzaw li l-ħajja tista' tkun isbaħ u l-futur jista' jkun aħjar. Fl-istess ħin, iż-żgħażagħ li telgħu għal din l-esperjenza jiskopru li l-ferħ hu akbar meta tagħti u li meta tagħmel affarijiet żgħar imma b'imħabba kbira isiru mirakli.



NEWSPAPER POST

OTTUBRU 2007 | GĦADD 419
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP



# aħna lilkom

Ħolqa bejn il-ħbieb

# Il-Ġenerożità kbira tal-Maltin

Anna Maria Mizzi
Lajka Miss. ta' S. Pawl

Ftit jiem wara li seħħ it-terrimot fil-Peru, li ħalla tant nies midruba u eluf bla dar, Lt. Col. Peter Cordina – Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili (CPD) avviċina lil Fr. Louis Mallia mssp – Direttur taċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja (ĊAM), immexxi mis-Soċjetà ta' San Pawl u wera x-xewqa li flimkien maċ-ĊAM, issir open day biex jinġabru mediċini, ikel, ħwejjeġ, gvieret u anke flus biex jintbagħtu lejn il-Perù. Dan bil-għan li tittaffa ftit mit-tbatija ta' tant nies li ġew effettwati mit-terrimot tal-15 t'Awwissu.

Minħabba li miċ-CAM jintbagħtu kontejners fuq bażi regolari lejn il-Perù fiż-żoni fejn jaħdmu l-Missjunarji tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP), is-Sur Cordina u Fr. Louis raw li kien jagħmel sens li l-kontejners jintbagħtu għand il-patrijiet ta' l-MSSP, imbagħad jieħdu ħsieb huma li jwassluhom fiż-żoni fejn hemm nies milquta.

Ġie deċiż li nhar il-Ħadd 26 t' Awwissu, jinġabru u jiġu ppakkjati affarijiet f'Dar San Ġużepp, f'Santa Venera bejn id-9 ta' filgħodu u t-8 ta' filgħaxija. Il-mira kienet ta' erba' kontejners. Tlitt kontejners f'Dar San Ġużepp, filwaqt li l-kontejner l-ieħor kellu jinżamm fil-headquarters ta' CPD fil-Marsa. Bilkemm kienet għada spiċċat il-press conference għax, nistgħu ngħidu li mill-għada bdiet l-attività f'Dar San Ġużepp .Bosta nies bdew ġejjin bl-affarijiet.



Min naħa taċ-ĊAM ġew ikkuntatjati diversi voluntiera, biex b'kollox dak in-nhar tal-open day bejn ħaddiema ta' CPD u voluntiera taċ-CAM kien hemm mal-mitt ruħ. L-attività bdiet fit-8.30 ta' filgħodu b'quddiesa. Imbagħad beda x-xogħol, min jieħu ħsieb iqassam il-ħwejjeħ bejn il-voluntiera, min jifred il-ħwejjeġ bejn nisa, rġiel u tfal, min jerfa' fil-kaxxi, min jagħlaq il-kaxxi, min jippakkja l-ikel, min jagħżel il-mediċini, min jistiva l-kaxxi fil-kontejners, min jieħu ħsieb jiġbor u jagħti l-irċevuti meta jingħataw flus, min jipprepara snack għal ħin l-ikel, ... kulħadd fuq xogħlu u kollox mexa b'ritmu tajjeb ħafna.

L-erba' kontejners intlew u fi żmien xahar l-affarijiet mibgħuta, għandhom jaslu l-Perù.

Biex inkunu nafu aħjar fuq il-bżonn ta' dawn in-nies, Fr. Silvio Bezzina mssp li bħalissa qiegħed il-Perù, flimkien ma' Fr. Victor Livori mssp, is-superjur reġjonali fll-Peru', żaru Pisco u Ica, il-postijiet milquta, bit-terremot u raw b'għajnejhom is-sitwazzjoni li dawn in-nies jinsabu fiha. Huma ddeċidew kif u fejn jitqassmu l-affarijiet meta jaslu minn Malta.

Żgur li l-impenn taċ-ĊAM biex iwassal il-valuri u joħloq kuxjenza missjunarja, anke permezz ta' din l-attività se jtaffi ftit mit-tbatija ta' dawn in-nies, filwaqt li jħalli paċi f'qalb kull min b'xi mod ta' sehmu.

# *Ħamsa u sebgħin* sena ilu…

Illum nixtieq neħodkom ftit lura fl-istorja tas-Soċjetà Missjunarja tagħna. Dan għaliex fit-3 ta' Ottubru ta'1932, ħamsa u sebgħin sena ilu Mons. Arcisqof Mauro Caruana, O.S.B. bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tad-Dar ta' Sant'Agata.

Mons. De Piro kien ilu li xeħet għajnejh fuq il-Knisja ta' Sant'Agata u kien qed jipprova jakkwistaha biex tkun tas-Soċjetà. Wara ħafna laqgħat fil-Kurja irnexxielu jagħmel dan fl-24 ta' April 1932. Barra dan hu kien qed jaħdem ukoll biex ikollu f'idejh biċċa art kbira biżżejjed maġenb dik il-knisja ħalli jagħti bidu għal dar kbira li kien xtaq jibni. Hu kien beda jaħdem għal dan il-għan sa mis-sena 1918. Imma l-inkwiet u d-diffikultajiet ma naqsu qatt.

Kienet is-sena 1929 meta wara tant kuntratti u tpartit ta' xi art, Mons. De Piro deherlu li issa kellu f'idejh artijiet biżżejjed, u għalhekk setà jibda jipprepara għall-permessi. Fil-fatt saret il-pjanta tal-bini u fit-8 ta'Lulju ntalbu l-permessi.

Wara erbatax –il sena ta' taħbit, fi Frar ta' 1932, deher li t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla għall-bini tad-dar ta' Sant'Agata kien fil-qrib. Allura hu beda jaħseb biex ikollu wkoll somma mhux ħażin halli jkun jista jidba bla ma jieqaf. Għal dan il-għan beda reġistru li sejjaħlu "Piccola Casa di San Paolo: Sant'Agata, Rabato: Fondo Fabbrica". Il-benefattur waħdieni kien il-Monsinjur innifsu li ta somma ta' £400.

Beda jfittex wkoll il-propjetarji tal-barrieri fil-Qrendi u fl-Imqabba. Ċertu Ġanni imlaqqam "il-Bofni" li kien ser jibda jħaffer għal barriera ġdida, wegħdu li jekk jinstab ġebel tajjeb jagħtih il-ġebel b'xejn. Kif ukoll Rajmond Ellul imlaqqam "ta' l-Imgħallem", u Ġużeppi Callus, imlaqqam "Ta Sardella" dawn kollha mill-Qrendi offrew il-ġebel b'xejn u kien hemm it-tama ta' xi oħrajn mill-Imqabba. Ix-xogħol kien fdat f'idejn Ġużeppi Sapiano li kien jitħallas £50 fix-xahar. L-ideja tal-pjanta kienet ta' Mons De Piro imma l-pjanta kienet tal-perit Ugo Mallia. It-Tnejn, 3 t' Ottubru,1932, kienet ġurnata ta' ferħ kbir għal Mons De Piro.

Nisimgħu biċċa minn dak li kiteb hu stess fl-Armanakk ta'1932: "It-3 t'Ottubru.....il-missjunarji inġabru lkoll fil-knisja ta' Sant' Agata, u tnejn tnejn ħarġu jistennew l-Isqof ħdejn is-salib ta' Strada Hal-Bajjada.

Hekk kif wasal l-Isqof Mons.Don Mauro Caruana O.S.B., il-purċissjoni bdiet riesqa lejn il-knisja...imżejna għaċ-ċirkustanza u mimlija bil-mistednin. Malli kulħadd ħa postu...is-Superjur ta' bidu għal erba' kelmiet tal-okkażjoni..."

Kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien id-diskors Mons De Piro għamlu bit-taljan. Dan id-diskors flimkien ma' pjanta żgħira tal-bini ġie imqassam lil kulħadd taħt forma ta' invit. Il-Vers mis-Salm 125, li qiegħed fil-bidu tad-diskors tiegħu, Mons De Piro, juri li kienet x'kienet l-għajnuna tal-bnedmin, il-fiduċja tiegħu kienet fil-Mulej.

Meħud mill-ktieb "Mons.G.De Piro"
Vol.11. ta' Patri Alexander Bonniċi O.F.M. Conv.



Nisimgħu silta ċkejkna minn dan id-diskors: " 'Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja'. Hu magħruf minn kulħadd li dawk l-opri li ma humiex tagħna, imma huma tal-Mulej, għandhom distintiv li jagħrafhom minn oħrajn. Huma jiżżejnu biż-żina tat-tfixkil. Din l-opra li għandna quddiemna u f'idejna tant kellha tfixkil, u kuntrarjetajiet li nqalgħu waħda fuq oħra għal tul ta' erbatax-il sena, b'mod li kull bniedem kien ikollu tabilfors jaqta' qalbu. Imma, billi kien Alla nnifsu li midd idu għall-opra, lill-qaddejja tiegħu qatt ma naqsithom il-ħeġġa...Is-sinjal tas-salib li l-Ecc. Tiegħek Reverendissima ,... sejjer tqiegħed illum fuq din l-EWWEL ĠEBLA jinżel ukoll bħala balzmu fuq il-membri kollha ta' l-Istitut Missjunarju tagħna, ikabbarhom fl-ispirtu tal-missier tagħhom Pawlu, ixebbhilhom qalbhom ma' tiegħu... jagħmel li jikbru fin-numru, sabiex huma wkoll, fil-ħidma kbira fil-missjonijiet, fl-opra ta' bla qies tad-dinja pagana ikollhom mill-aktar fis is-sehem tagħhom ukoll.".

Wara dan id-diskors tant sabiħ u mimli fiduċja f'Alla, l-Arcisqof bierek u poġġa l-ewwel ġebla ta' din id-Dar ta' Sant Agata.

Bħala parrini ġew magħżula il-Prim Ministru ta' Malta, Sir Ugo Mifsud u il-President tal-Qorti Sir Arturo Merċieca.



